# IT-TIFKIRIET TAL-IPOĠEW TA’ ĦAL SAFLIENI PPRESERVATI GĦALL-ĠEJJIENI PERMEZZ TAL-INIZJATTIVA MEMORJA

**Stqarrija | 26 ta’ Frar 2026**

Heritage Malta, f’kollaborazzjoni mal-Arkivji Nazzjonali ta’ Malta bħala parti mill-proġett MEMORJA, waslet fit-tmiem ta’ inizjattiva ddedikata għad-dokumentazzjoni u l-preservazzjoni tal-memorji tal-komunità marbuta mal-Ipoġew ta’ Ħal Saflieni f’Raħal Ġdid.

L-għan tal-proġett kien li jirreġistra rakkonti u esperjenzi ta’ qabel is-snin tmenin b’rabta mal-Ipoġew, u b’hekk jarrikkixxi s-sinifikat arkeoloġiku ta’ dan is-sit billi juri l-impatt tiegħu fuq l-individwi u l-komunità tal-madwar permezz ta’ narrattivi personali. Inġabru intervisti u testimonjanzi bil-miktub minn eks għassiesa tas-sit, professjonisti tal-konservazzjoni u r-riċerka, viżitaturi, u residenti ta’ Raħal Ġdid. Xi parteċipanti semmew ukoll kif kienu fittxew kenn fl-Ipoġew ta’ Ħal Saflieni matul it-Tieni Gwerra Dinjija, xhieda tar-rwol kontinwu tas-sit fil-ħajjiet tan-nies ferm lil hinn mill-oriġini preistoriċi tiegħu.

L-involviment tal-pubbliku kien ċentrali. B'kollaborazzjoni mal-Kunsill Lokali ta' Raħal Ġdid, Heritage Malta organizzat numru ta’ attivitajiet, fosthom avveniment pubbliku għall-komunità, żjarat iggwidati fl-Ipoġew għar-residenti, u intervisti f’dar tal-anzjani f’Raħal Ġdid. Dawn l-isforzi żguraw l-inklużjoni ta' ilħna b’rabtiet twal mal-inħawi u saħħew ir-relazzjoni bejn dan is-Sit ta' Wirt Dinji tal-UNESCO u l-komunità li kibret madwaru.

Waqt avveniment uffiċjali li ttella’ fl-Ipoġew, il-materjal kollu miġbur – intervisti rrekordjati, rapporti bil-miktub, u kopji diġitalizzati ta' ritratti – ġie mgħoddi formalment lill-Arkivji Nazzjonali ta' Malta għal preservazzjoni fit-tul u aċċess pubbliku permezz tal-Proġett MEMORJA. Il-parteċipanti tal-proġett ġew mistiedna jattendu b'rikonoxximent għall-kontribut tagħhom fil-ħarsien ta' dan il-wirt komuni u intanġibbli.

Il-Kap tal-Operat ta’ Heritage Malta, Kenneth Gambin, enfasizza l-importanza li jiġi ppreservat il-wirt intanġibbli. Huwa qal: “Il-patrimonju tagħna hu parti minna lkoll – hu mwaħħad magħna b’tali mod li mingħajrna ma jistax jibqa’ ħaj. Għalhekk għandna r-responsabbiltà komuni li niżguraw li t-tradizzjoni orali tagħna – l-istejjer u l-esperjenzi personali li nirrakkuntaw b’rabta ma’ dan il-wirt – ma tintilifx. Din ukoll hi parti mill-missjoni ta’ Heritage Malta. Il-memorji li nġabru huma imprezzabbli, u l-valur tagħhom se jkompli dejjem jiżdied aktar ma jgħaddi żmien.”

L-Arkivista Nazzjonali u Kap Eżekuttiv tal-Arkivji Nazzjonali ta’ Malta, il-Prof. Charles J. Farrugia, saħaq: “Din il-kollaborazzjoni bejn il-proġett tal-Arkivji Nazzjonali MEMORJA u Heritage Malta hija xhieda tal-ħidma mill-qrib fejn tidħol ir-riċerka

+356 22954000
info@heritagemalta.org
www.heritagemalta.org

35 Dawret Fra Giovanni Bichi
Il-Kalkara KKR 1280
Malta

etnografika u t-tradizzjoni orali, u tippreserva l-memorja kollettiva ta' ċittadini, arkeologi u esperti fil-qasam tal-wirt kulturali li ilhom marbuta mal-Ipoġew għal ġenerazzjonijiet sħaħ."

Datat għal bejn it-3800 u l-2000 QK, l-Ipoġew ta' Ħal Saflieni huwa kumpless tad-dfin uniku taħt l-art, maqtugħ kompletament fil-blat. Skopert fl-1902 u fost l-ewwel siti Maltin imniżżla fil-Lista tal-Wirt Dinji tal-UNESCO, huwa jibqa' wieħed mill-aktar ambjenti Neolitiċi ppreservati tajjeb, b'arkitettura intatta, disinji bl-okra ħamra fuq il-ħitan, u artefatti bħall-figurina tal-'Mara r-Rieqda'. Mibni bħala ċimiterju u sit li ilu ħafna jservi ta' tifkira kollettiva, dan il-post straordinarju issa hu rreġistrat bħala memorja ħajja fih innifsu, biex tgħaddi lil min ġej warajna permezz ta' inizjattivi bħal MEMORJA.

+356 22954000
info@heritagemalta.org
www.heritagemalta.org

35 Dawret Fra Giovanni Bichi
Il-Kalkara KKR 1280
Malta